MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Numru. 13/2010

**IL- PULIZIJA**
**SUPRETENDENT MARTIN SAMMUT**
**KONTRA**

**JONATHAN BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jonathan Buttigieg ta’ 30 sena, bin Lawrence u Carmela nee’ Costa, mwieled 22 ta’ Ottubru 1980 Pieta’, residenti 16, Triq M.A. Vassalli, Qormi u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 487480M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’ dawn il- Gzejjer, nhar il- 11 ta’ Ottubru 2009, f’ xi hin bejn it- 3.00am u l- 4.00am gewwa San Giljan;

1) minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja fil- periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil- gisem ta’ Alison O’Toole;

2) ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Gordon Dimech;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mil-provi prodotti rrisultaw il-fatti segwenti. Fil-11 ta’ Ottubru, 2009, gewwa Paceville, sehhet glieda fejn kien involut l-imputat, li allegatament ghamel offizi gravi fuq il-persuna ta’ Alison O’Toole. Dan l-incident li zvolga fi glieda bejn diversi persuni sehh f’ zewg mumenti separate izda qrib ta’ xulxin.

Dak inhar fil-ghodu, bejn it-3.00am u l-4.00am, l-imputat kien hiereg mill-istabbiliment bl-isem “Havana” gewwa Paceville meta ltaqa’ mal-“ex” tfajla tieghu li kienet fil-kumpanija t’ohtha u ta’ tfajla ohra. Dawn kienu wkoll hergin mill-istess stabbiliment. F’dan il-hin tfaccat Alison O’Toole, diehla fil-Havana, meta din qalet li giet aggredita mill-imputat b’mod tant aggressiv li sofriet griehi sostanzjali, kif jixhdu r-ritratti esebiti fl-atti u c-certifikati medici taghha. Wara din l-aggressjoni hekk vjolenti, l-incident waqaf hemm, izda ftit tal-hin wara, meta’ gie fuq il-post il-missier tal-wild ta’ O’Toole, certu Gordon Dimech,

l-imputat allegatament aggredixxa lil Dimech ftit 'l isfel mil-lok tal-ewwel incident, quddiem it-tarag li jaghti ghal Bay Street, u kkagunalu griehi hfief. L-imputat jinnega li qatt aggredixxa lil hadd, u l-Qorti semghet zewg verzjonijiet tal-istess fatti u kellha, ghalhekk, tislet b'attenzjoni u reqqa partikolari l-provi kollha, specjalment dawk indizzjarji.

Qabel xejn, il-Qorti tippreciza lid an il-process kien mimli verzjonijiet ta' fatti li kwazi ma qablu xejn ma' xulxin. Huwa minnu li Alison O'Toole sofriet griehi gravi, izda assolutament ma kienx car min seta' fil-fatt ikkawza dawn il-griehi, ghalkemm lejn l-ahhar tas-smigh tal-provi, il-kwadru beda jiccara ruhu sew. Kienu proprju dawn l-inkonsistenzi li fil-fatt spiccaw biex kixfu x'gara fil-fatt.

Il-Prosekuzzjoni kienet, fil-fehma tal-Qorti, esemplari ghall-ahhar fil-produzzjoni tal-provi f'din il-kawza, u dan ghax ressqet il-provi kollha li kellha, sew dawk favur it-tezi taghha kif ukoll dawk kontra. Bhala provi l-Prosekuzzjoni kellha x-xiehda tas-Supretendent Martin Sammut, li esebixxa l-istqarrija tal-imputat u diversi dokumenti ohra, u spjega kif l-investigazzjoni wasslet ghall-imputat. Xehdet l-istess Alison O'Toole, li spjegat kif giet aggredita minnu. Xehdet ohtha, Geraldine, li qalet li kienu flimkien meta l-imputat aggredixxa lil Alison. Xehed ukoll Gordon Dimech, li xehed li ghall-ewwel ma kienx fejn O'Toole izda mar hdejha wara li rcieva telefonata li kienet giet aggredita u mar hdejha, u mbaghad spjega kif l-imputat aggredixxa lilu wkoll. Xehed ukoll hu Dimech, Renaldo, li ma kienx konsistenti mal-verzjoni tal-fatti kif qalhom huh, kif il-Qorti ha turi aktar 'l isfel.

Imbaghad xehedu wkoll Joanne Ciantar, ohtha Antoinette, habiba taghhom Maria Debono, u certu Daniel Spiteri, li kien mal-imputat f'dan l-incident kollu. Dawn taw verzjoni ta' fatti ghal kollox differenti minn dik moghtija minn Dimech u l-ahwa O'Toole. Din il-verzjoni ta' fatti, jista' jinghad, hija dijametrikament opposta ghal dik moghtija mill-ahwa Dimech u O'Toole. F'din il-verzjoni, a kuntrarju ta' dak allegat mil-parti leza, kien l-imputat li safa aggredit minn Gordon Dimech, kemm barra l-Havana kif ukoll quddiem Bay Street. Alison O'Toole giet aggredita minn

Joanne u Antoinette Ciantar, izda ma sofrietx griehi gravi f'dan l-istadju. Oht Alison, Geraldine, ma kienetx hemm.

Liema verzjoni, allura, hija dik veritjiera? Il-Qorti ser ikollha tezamina x-xiehda indipendenti f'dan il-kaz, jigifieri l-Pulizija. Is-Surgent PS 157 Brian Mifsud ha r-rapport tal-incident u ha z-zewg verzjonijiet *a tempo vergine*. Minn dan irrisulta li l-imputat kien tnizzel l-Ghassa ta' San Giljan ghall-habta tal-4.00am minn ufficjali tal-Pulizija wara li kien twaqqaf minnhom quddiem Bay Street, jigifieri wara t-tieni part ital-incident. Ftit tal-hin wara, gew ukoll Joanne u Antoinette Ciantar u l-habiba taghhom Maria Debono, u dawn taw verzjoni wahda ta' kif graw il-fatti. Huma qalu li O'Toole kienet fil-kumpanija ta' Gordon Dimech u ta' huh, Renaldo, u gew wicc imb' wicc barra t-tarag tal-Havana. Hemmhekk, l-ahwa Ciantar aggredew lil O'Toole, minghajr, izda, ma kkagunawlha ebda griehi gravi, u Gordon Dimech hebb ghal Jonathan Buttigieg. Fl-ebda hin l-imputat ma aggredixxa lil O'Toole. Din il-parti giet ukoll ikkorroborata minn Daniel Spiteri. Minn hemmhekk, l-ahwa Ciantar u Maria Debono telqu u ma raw xejn mit-tieni parti tal-incident, dak li sehh quddiem Bay Street.

L-ahwa Ciantar, izda, kienu biddlu l-verzjoni taghhom meta gew mitkellma wara ftit taz-zmien mil-Pulizija. Di fatti, huma biddlu l-verzjoni li kienu taw lis-Surgent u qalu li mhux huma aggredew lil O'Toole, izda kien l-imputat. Fis-seduta quddiem din il-Qorti, huma regghu biddlu l-verzjoni taghhom lura ghal kif kienet inghatat lis-Surgent, u ghalhekk kellha tigi esebita l-istqarrija taghhom bhala prova biex jigu kkontrollati sew fuq il-pedana. Huma qalu li kienu mheddha biex fl-istqarrija jibdlu l-verzjoni taghhom minn kif kienu qalu dakinhar stess tal-incident. Hekk kienux mheddha jew le huwa difficli li jigi ppruvat, pero' huwa minnu li a tempo vergine huma taw verzjoni li taqbel ma' ta' Jonathan Buttigieg, meta ma kellhomx hin jiftiehmu x'ghandhom ighidu qabel ma gew mitkellma mil-Pulizija. Ghalhekk il-Qorti hija aktar propensa temmen li l-verzjoni korretta kienet dik li taw l-ghassa lis-Surgent dakinhar stess.

Nigu issa ghall-verzjoni ta’ fatti li ta Nazzareno jew Renaldo Dimech, hu Gordon. Dan qal lib’kumbinazzjoni ra l-incident isehh quddiem ghajnejh, u ra lill-imputat jaghti diversi daqqiet ta’ ponn u ta’ sieq lil Alison O’Toole, izda f’dan il-hin kollu, ma ndenjax ruhu jidhol jaqbez ghaliha, u halliha taqla’ d-daqqiet. B’kumbinazzjoni ohra kemm kemm akbar, jitfacca huh Gordon dak il-hin hekk kif spicca l-imputat jaghti lil Alison O’Tole, u jaraw id-dmija fuqha. Mistoqsi mil-Qorti jekk xi hadd cempilx lil Gordon biex jitla’ minn fejn Bay Street ghax it-tfajla tieghu kienet qalghet xeba’ kbira, hu wiegeb li hadd ma kien cempel lil Gordon. Dan imur kompletament kontra dak li xehedu kemm l-istess Alison O’Toole, ohtha Geraldine u l-istess Gordon. Fatt importanti bhal dan zgur ma kellux jisfuggilu lil Renaldo Dimech, li kien hu stess li allegatament cempel lil huh, sakemm ma kien cempillu xejn.

Fatt iehor li jhalli barra Renaldo hu li Alison suppost kienet ma’ ohtha Geraldine, izda fid-dettall li ra d-daqqiet li qalghet Alison, u fid-dettall li ra li l-imputat ma kienx wahdu izda kellu xi habib mieghu, lil Geraldine ma rahiex. Forsi, mela, ma kienetx hemm.

U l-ahhar fatt li Renaldo naqas li jikkonferma l-verzjoni moghtija minn huh u mill-ahwa O’Toole kienet il-presenza tal-Pulizija hekk kif sofriet il-griehi Alison O’Toole. Din ta’ l-ahhar, bhal ma xehdu ohtha u Gordon Dimech, qalu li kien hemm Pulizija li gew jassistuha u tawha t-“tissues” u qalulha li ghandha bzonn il-punti u ahjar tmur l-isptar. Dan il-fatt, izda, Renaldo jinsih ukoll. Hija kurjuza fil-fatt li, jekk veru kien hemm Pulizija li assistew lil O’Toole, dawn m’ghamlux rapport minn jeddhom u ma tawx il-verzjoni taghhom, u l-anqas ma gew identifikati mil-Prosekuzzjoni u l-anqas ma gew prodotti bhala xhieda. Forsi ghax ma jezistux.

Ghalhekk, tenut kont ta’ dawn l-inkonsistenzi kollha mnissla mil-parti leza u x-xhieda prodotti minnha, din il-Qorti ma tarax li l-verzjoni moghtija minnhom hija dik korretta u veritjiera. Il-Qorti hija hafna aktar propensa temmen li l-fatti graw kif spjega l-imputat, li dejjem kien konsistenti, u kif gew elaborati mid-difiza, verzjoni li l-Qorti

m’hix sejra tezamina wisq f’dan l-istadju, izda liqed taccetta bhala ghal kollox plawsibbli. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha kontra l-imputat, l-aktar peress illi l-istorja kollha kienet montatura kontra l-istess imputat maghmula mil-persuni li akkuzawh.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 214, 216, 221 u 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------